# Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Malta

Din it-taqsima tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet ta' Malta.

## X'għandu x'joffri r-reġistru tal-artijiet Malti?

Ir-reġistru elettroniku tad-**Dipartiment Malti tar-Reġistru tal-Artijiet** huwa aċċessibbli biss għall-impjegati tar-Reġistru tal-Artijiet u għall-membri ta' żewġ dipartimenti oħrajn tal-gvern li għandhom drittijiet ta' qari biss.

L-informazzjoni inkluża fir-reġistru għadha ma tkoprix il-Gżejjer Maltin kollha u għadha qed tiġi kompilata, bil-possibbiltà li tkun provduta on line fil-ġejjieni. Madankollu, il-klijenti jistgħu jitolbu tiftix tar-reġistru billi jimlew il-formola rilevanti. Il-mistoqsijiet ġenerali jistgħu jiġu indirizzati wkoll lid-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet ta' Malta, Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta VLT 1535.

Tista' anki ċċempel fuq +35621239777 jew tuża l-posta elettronika (email): land.registry@gov.mt

## L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Malti huwa mingħajr ħlas?

Le, l-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Malti huwa bi ħlas. Kull tiftixa tqum €4.66.

## Kif tfittex fir-reġistru tal-artijiet Malti?

Il-klijenti jistgħu jitolbu tiftix tar-reġistru billi jimlew il-formola rilevanti.

## L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Malti

Ir-reġistru nħoloq fl-1982 skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kapitolu 296 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-aħħar aġġornament: 04/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.